MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Numru 504/2009

**Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**Lydell Peter Bonnici**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Lydell Peter Bonnici ta’ 20 sena, iben Coronato u Rita nee’ Azzopardi, imwieled Pieta’ fis-16 ta’ Novembru 1988 u residenti 131, Triq San Mikiel, B’Bugia u detentur tal-karta tal-identita’ numru 0525988(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’dawn il-Gzejjer fil-21 ta’ Dicembru 2008 ghal habta ta’ 23.30 hrs fl-inhawi ta’ il-Bajja Sabiha, B’Bugia ;

1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Deborah Bugeja ID.0395292(M) skond kif iccertifika Dr. Charles Borg reg.med.5117 mill-isptar Mater Dei u dan bi ksur ta’ Artikoli 214 u 215 ta’ Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Ikkawza hsarat fuq vettura nru. ta’ reg. IAT-087 ta’ ghamla Skoda liema hsarat jeccedu 232.94c Euro (Lm100) izda ta’ mhux aktar minn 1,164.69c Euro (Lm500) u dan ghad-dannu ta’ Albert Law I.D. 0308059(M).

3. Saq il-vettura BAR 714 b’manjiera bla kont, traskurata u perikoluza.

4. Naqas milli jobdi ordni legittima tal-Pulizija.

5. Kiser il-paci u l-bon ordni b’ghajjat u glied.

6. Kien f’gemgha ta’ aktar minn ghaxar(10) persuni.

F’kas ta’ htija,il-prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat li l-Prosekuzzjoni irtirat it-tielet(3) u s-sitt(6) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-12 ta’ Novembru, 2009 ghall-ewwel(1), it-tieni(2), ir-raba’(4) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-ewwel(1), it-tieni(2), ir-raba’(4) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1), it-tieni(2), ir-raba'(4) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.
Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat ghandu fedina penali netta, l-fatt li rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri, l-fatt li huwa kkopera bis-shih fil-kors ta' l-investigazzjonijiet u l-fatt li l-imputat hallas lill-parti leza tal-hsara kagunata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 214, 215, 325(1)(b), 338(dd) u 338(ee) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-ewwel(1), it-tieni(2), ir-raba'(4) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum. Stante li t-tielet(3) u s-sitt(6) akkuza gew irtirati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Wara li rat l-Artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-atti ta' dawn il-proceduri jintbaghtu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------